



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

14095/22

LIMITE

CORLX 995
CFSP/PESC 1432
CONUN 254
CODUN 48
CONOP 112
COTER 256
COARM 217

PROPOSTA

minn:	Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, iffirmata mis-Sur Stefano SANNINO, Segretarju Ġenerali
data meta waslet:	26 ta' Ottubru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill għal Deċiżjoni tal-Kunsill b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' proġett "Promozzjoni tal-Innovazzjoni Responsabbli fl-Intelliġenza Artifiċjali għall-Paċi u s-Sigurtà"

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument HR(2022) 238.

Mehmuż: HR(2022) 238

HR(2022) 238
Limited

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA



**Proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni
għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà
lill-Kunsill**

tas-26/10/2022

**għal Deċiżjoni tal-Kunsill b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' proġett "Promozzjoni
tal-Innovazzjoni Responsabbli fl-Intelliġenza Artifiċjali għall-Paċi u s-Sigurtà"**

HR(2022) 238
Limited

HR(2022) 238

Limited

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/...

ta' jj/xx/2022

b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' proġett

“Promozzjoni tal-Innovazzjoni Responsabbli fl-Intelliġenza Artifiċjali għall-Paċi u s-Sigurtà”

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) L-Istrateġija Globali għall-Politika Ewropea u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea tal-2016 (l-"Istrateġija Globali tal-UE") tenfasizza li l-Unjoni ser iżżid il-kontribut tagħha għas-sigurtà kollettiva.
- (2) L-Istrateġija tal-UE kontra l-Armi tan-Nar, Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir Illeċiti (SALW) u l-Munizzjon Tagħhom, tal-2018, “Aktar sigurtà fuq l-armi biex nipproteġu liċ-ċittadini” innutat li l-UE ser tuża l-istrumenti rilevanti biex tappoġġa r-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam ta' teknoloġija affidabbli u kosteffettiva biex tiegħu ħsieb is-sigurtà tas-SALW u l-munizzjon tagħhom u ttaffi r-riskji ta' devjazzjoni. Barra minn hekk, il-Kunsill, fil-konklużjonijiet tiegħu li jakkumpanjaw l-adozzjoni tal-Istrateġija¹, innota l-kuntest ta' sigurtà li evolva, inkluż it-theddida ta' terroriżmu fi ħdan l-UE u l-iżviluppi fid-disinn u t-teknoloġija tas-SALW li affettwaw il-kapaċità tal-gvernijiet li jindirizzaw it-theddida.
- (3) L-Istrateġija Ewropea għall-Intelliġenza Artifiċjali tinnota li l-prinċipju li jiggwida l-appoġġ kollu għar-riċerka marbuta mal-Intelliġenza Artifiċjali (IA) ser ikun l-iżvilupp ta' “IA responsabbli”. Tinnota wkoll li, peress li l-IA tista' tiġi kummerċjalizzata faċilment minn naħa għall-oħra tal-fruntieri, huma biss is-soluzzjonijiet dinjija li ser ikunu sostenibbli f'dan il-qasam, u li l-Unjoni ser tippromwovi l-użu tal-IA, u tat-teknoloġiji b'mod ġenerali, biex jgħinu fis-soluzzjoni ta' sfidi globali, jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima u biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.
- (4) Fis-Summit Globali dwar l-Intelliġenza Artifiċjali għall-Ġid tal-2019, is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti nnota li, jekk irridu nisfruttaw il-benefiċċji tal-IA u nindirizzaw ir-riskji, jeħtieġ li naħdmu lkoll flimkien - il-gvernijiet, l-industrija, id-dinja akkademika u s-

¹ Dokument tal-Kunsill 13581/18 tad-19 ta' Novembru 2018, "Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Adozzjoni ta' Strateġija tal-UE kontra l-Armi tan-Nar, Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir Illeċiti u l-Munizzjon Tagħhom"

HR(2022) 238

Limited

soċjetà ċivili - biex niżviluppaw l-oqfsa u s-sistemi li jippermettu l-innovazzjoni responsabbli.

- (5) L-Unjoni tixtieq tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' "IA responsabbli", sigurtà kollettiva, u l-potenzjal ta' benefiċċju mill-opportunitajiet ippreżentati mill-IA għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u li jiġu indirizzati l-isfidi.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Bil-ħsieb li tiġi implimentata l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea u filwaqt li titqies l-Istrateġija tal-UE kontra l-armi illeċiti, is-SALW u l-munizzjon kif ukoll l-Istrateġija Ewropea dwar l-IA, l-attivitajiet tal-proġett appoġġati mill-Unjoni għandu jkollhom l-għanijiet speċifiċi li ġejjin:

1.1 appoġġ għal involviment akbar tal-komunità ċivili tal-IA fil-mitigazzjoni tar-riskji li d-devjazzjoni u l-użu ħażin tar-riċerka u l-innovazzjoni ċivili tal-IA minn atturi irresponsabbli jistgħu joħolqu għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali permezz ta':

- ħolqien ta' fehma aħjar ta' kif deċiżjonijiet fl-iżvilupp u t-tifrix tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-IA jista' jkollhom impatt fuq ir-riskju ta' devjazzjoni u użu ħażin, u b'hekk joħolqu riskji jew opportunitajiet għall-paċi u s-sigurtà
- promozzjoni ta' proċessi, metodi u għodod ta' innovazzjoni responsabbli li jistgħu jgħinu biex tiġi żgurata l-applikazzjoni paċifika ta' innovazzjonijiet ċivili u t-tixrid responsabbli tal-għarfien dwar l-IA. Għal dan l-għan, il-proġett ser jappoġġa attivitajiet ta' bini tal-kapaċità, ta' riċerka u ta' involviment li i) isaħħu l-kapaċità fi ħdan il-komunità ċivili dinjija tal-IA biex jinkludu u jindirizzaw ir-riskji għall-paċi u s-sigurtà ppreżentati mid-devjazzjoni u l-użu ħażin tal-IA ċivili minn atturi irresponsabbli permezz ta' proċessi ta' innovazzjoni responsabbli; u ii) isaħħu r-rabta bejn l-isforzi ta' mitigazzjoni tar-riskju fl-IA responsabbli fl-isfera ċivili u dawk li diġà qed isiru fil-komunità tad-diżarm, il-kontroll tal-armi u n-nonproliferazzjoni fil-livell intergovernattiv.

1.2. B'mod kruċjali, l-attivitajiet tal-proġett m'għandhomx l-intenzjoni li jistabbilixxu standards, prinċipji, jew regolamentazzjoni ġodda, jew inkella li jidħlu f'oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati. Minflok, l-intenzjoni hija li jiġu żviluppati sforzi ta' innovazzjoni ċivili responsabbli biex jiġu inklużi r-riskji għall-paċi u s-sigurtà ppreżentati mid-devjazzjoni u l-użu ħażin tal-IA ċivili minn atturi irresponsabbli, u li tiġi pprovduta edukazzjoni dwar l-isforzi intergovernattivi rilevanti eżistenti.

Fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni hemm deskrizzjoni dettaljata tal-proġett.

Artikolu 2

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jkun responsabbli mill-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

HR(2022) 238

Limited

2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1 għandha titwettaq mill-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Affarjiet ta' Diżarm (UNODA), appoġġat mill-Istitut Internazzjonali ta' Riċerka dwar il-Paċi ta' Stokkolma (SIPRI).

3. L-UNODA, appoġġat mis-SIPRI, għandu jwettaq il-kompiti tiegħu taħt ir-responsabbiltà tar-Rappreżentant Għoli. Għal dan il-għan, ir-Rappreżentant Għoli għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mas-SIPRI u l-UNODA.

Artikolu 3

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-proġett iffinanzjat mill-Unjoni msemmi fl-Artikolu 1 għandu jkun [EUR XXX].

2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont ta' referenza msemmi fil-paragrafu 1 għandha tiġi amministrata skont il-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni korretta tan-nefqa ffinanzjata mill-ammont imsemmi fil-paragrafu 1. Għal dak il-għan, għandha tikkonkludi ftehim ta' kontribuzzjoni mal-UNODA. Il-ftehim ta' kontribuzzjoni għandu jistipula li l-UNODA jiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, b'mod xieraq għad-daqs tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel hilita biex tikkonkludi l-ftehim imsemmi fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Għandha tgħarraf lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dan il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim.

Artikolu 4

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti konġunti regolari trimestrali mill-UNODA. Ir-rapporti għandhom jiffurmaw il-bażi għall-evalwazzjoni magħmula mill-Kunsill.

2. Il-Kummissjoni għandha ttipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-implimentazzjoni tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1.

Artikolu 5

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 36 xahar wara l-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(3). Madankollu, għandha tiskadi sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ jekk ma jkunx ġie konkluż ftehim f'dak il-perjodu.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President